MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

**MAGISTRAT DR.**
**MELI SILVIO LL.D., DIP. STUD. REL., DIP. CAN. MATR. JUR. & PROC., CERT. JUR. & H.R. (STRASBOURG), P.G. DIP. EUROPEAN COMPETITION LAW (KING'S COLLEGE, LONDON), P.G. DIP. EUROPEAN LAW (KING'S COLLEGE, LONDON)**

Seduta ta' 11 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 175/2002/1

**Dr. Adrian's Garden Centre Co. Limited.**

**vs**

**Ideal Dwellings (Turnkey) Limited.**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' erbat elef tminn mija u disghin lira u tnejn u ghoxrin centezmu (LM4,890.22,0) dovuta ghax-xogholijiet ta' manteniment ta' gonna u fornituri ta' materjal in konnessjoni ma' gonna, dan kollu fuq inkarigu tieghek, liema somma hija dovuta skond prospett u indikata specifikament skond il-fatturi relattivi li kopji**

**taghhom huma annessi u mmarkati bhala dokumenti bl-ittri "A" sa "V";**

**Bl-ispejjez ta' l-prezenti, ta' l-mandati kawtelatorji ta qbid u sekwestru prezentati kontestwalment, ta' l-ittra nterpellatorja ta' t-12 ta' Dicembru, 2001 u ta' l-ittra ufficjali tal-11 ta' Jannar, 2002 (kopji annessi u mmarkati bhala Dok. "W" u "X" rispettivament) ilkoll kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma deheritx, la fl-4 t'Ottubru tas-sena 2002 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**